# RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/011 |
| **Ilment:** | Żieda fis-salarji mħallsa lis-Segretarji Parlamentari magħmula bil-moħbi u informazzjoni qarrieqa fi stqarrija tal-Gvern. |
| **Min għamel l-Ilment:** | Prof. Arnold Cassola |
| **Data tal-Ilment:** | 18 ta' Awwissu 2019 |
| **Data ta' dan ir-Rapport:** | 4 ta' Ottubru 2019 |

## Ilment

1. B'email tat-18 ta' Awissu 2019, li ġiet segwita bi tliet emails oħra tad-19 ta' Awwissu, l-20 ta' Awwissu u t-28 ta' Awwissu 2019 (annessi u mmarkati Dokument A), il-Prof. Arnold Cassola irrefera għal dak li huwa sejjaħ *"tidwir bil-kliem li qed isir rigward is-salarji tas-Segretarji Parlamentari ... in vista tal-fatt li salarju ta' Segretarju Parlamentari fl-2013 kien ta' €42,000..."* filwaqt li *"...s-Segretarji Parlamentari ddikjaraw bħala salarju 'l fuq minn €60,000 fl-2018"*. Huwa talabni ninvestiga:

- *i. kif is-somma telgħet minn €42,000 għal aktar minn €60,000 u*
- *ii. kif ma tħabbar xejn dwar din iż-żieda mill-Gvern;*
- *iii. għal liema raġuni kollox inżamm mistur mit-taxpayer u miċ-ċittadin Malti;*
- *iv. x'inhi l-ġustifikazzjoni dwar din iż-żieda sostanzjali fil-kuntest taċ-ċittadini normali li kull sena jieħdu medja ta 3 Ewro fil-ġimgħa żieda;*
- *v. jekk hemmx lok li jittieħdu passi kontra min awtorizza din iż-żieda u żammha mistura mill-poplu?*

2. Fl-ilment tiegħu l-Prof Cassola ma rreferiex għal xi artikolu tal-Kodiċi tal-Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari (il-Kodiċi) li issa jifforma parti mill-*Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika* (Kap 570 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-Att), li jista' jkun applikabbli għall-ilment.

## Deċiżjoni li ssir investigazzjoni

3. Iddeċidejt li l-każ jimmerita aktar investigazzjoni taħt l-Att stante d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi, senjatament l-artikoli 5.6, 5.7 u 10.3 tal-Kodiċi, jiġifieri:

> 5.6 Trasparenza – il-Ministri għandhom kemm jista' jkun jaqdu d-doveri tagħhom b'mod miftuħ u trasparenti, u għalhekk jagħtu raġunijiet għad-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tagħhom.
>
> 5.7 Onestà – il-Ministri għandhom jevitaw li jidħlu f'konflitti ta' interess bejn l-interess pubbliku u dak privat tagħhom u għandhom jagħtu informazzjoni sħiħa u korretta lill-Parlament.
>
> 10.3 Kemm-il darba tiġi mgħoddija informazzjoni mhux korretta, din għandha tiġi korretta minnufih.

## Proċedura ta' Investigazzjoni

4. Iltqajt mas-Segretarju Permanenti Ewlieni fil-21 ta' Awwissu 2019 u tlabtu jagħti xi spjegazzjonijiet.

5. Eżaminajt ir-rapporti li dehru fil-media lokali, b'mod partikolari dawk li dehru fix-Shift News[1] li taw bidu għal dina l-kontroversja u r-risposti tal-Gvern ta' Malta tas-17 u d-19 ta' Awissu 2019.[2]

## Il-Kuntest

6. Ġie rappurtat mix-Shift News, fil-kuntest ta' serje ta' investigazzjonijiet li qed jippubblikaw dwar id-dikjarazzjonijiet tal-assi tal-ministri u s-segretarji parlamentari, li s-Segretarji Parlamentari Silvio Schembri u Deo Debattista kienu iddikjaraw bħala dħul mill-impjieg tagħhom bħala segretarji parlamentari fis-sena 2018 id-doppju ta' dak li kienu ddikjaraw fl-2017. Fir-rigward ta' Debattista jgħidu:

---

[1] https://theshiftnews.com/2019/08/01/cover-your-assets-parliamentary-secretary-silvio-im-cryptic-schembri/ u https://theshiftnews.com/2019/08/05/cover-your-assets-justice-and-culture-minister-owen-noddy-bonnici/.

[2] https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2019/August/17/pr191754.aspx u https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2019/August/19/pr191756.aspx.

*"In 2018, his income as Parliamentary Secretary doubled from €33,910.22 to €60,796.06 (like that of his colleagues)."* Fil-każ ta' Silvio Schembri jgħidu: *"His income as Parliamentary Secretary doubled from 2017 (€33,895) to 2018 (€60,796)."*

7. Din l-allegazzjoni tidher li żvijat l-Onor. Jason Azzopardi li f'post fuq Facebook fis-16 ta' Awwissu 2019 qal *"Thanks to Caroline Muscat & Shift News it's been revealed that Parliamentary Secretaries have had their salary DOUBLED by stealth from 2017 (33,895) to 2018 (€60,796). Shame on all those who cried blue murder during a PN led Administration for the honorarium increase."*

8. B'risposta għal dawn ir-rapporti, il-Gvern ħareġ stqarrija permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni fis-17 ta' Awwissu 2019 li qalet fost affarijiet oħra li *"Rapporti mxandra fuq mezzi tax-xandir, li kienu wkoll riprodotti minn membri tal-Oppożizzjoni, dwar allegazzjonijiet ta' żidiet fil-pagi tal-membri tal-Kabinett huma għal kollox foloz. Is-salarji tal-membri kollha tal-Kabinett għadhom eżatt l-istess kif kienu fl-2013."*[3] Din l-istqarrija hija annessa bħala Dokument B.

9. Il-konklużjonijiet tax-Shift News imorru lil hinn mill-kwistjoni tas-salarji billi jittrattaw b'mod usa' d-dikjarazzjonijiet tal-assi tas-segretarji parlamentari, mentri l-iskop ta' dan ir-rapport mhuwiex dwar kemm huma korretti o meno dawn id-dikjarazzjonijiet iżda huwa limitat għall-kwistjoni jekk kemm-il darba kien hemm żieda fis-salarji, l-Prim Ministru kellux l-obbligu li jinforma l-pubbliku u li jagħtih informazzjoni korretta.

10. Dina l-kwistjoni attirat ċerta attenzjoni anke minħabba l-fatt li l-Gvern immexxi mill-Prim Ministru Gonzi fis-sena 2008 kien żied l-onorarju li jirċievu l-membri parlamentari (€20,000 circa) mas-salarju tal-ministri u s-segretarji parlamentari. Sa dakinhar il-prattika kienet li meta membru parlamentari jinħatar ministru jew segretarju parlamentari, ma jibqax jieħu l-onorarju ta' membru parlamentari u jibda jitħallas biss is-salarju ta' ministru jew segretarju parlamentari. Dakinhar kienet tqajmet polemika politika kbira tant li baqgħet tkaxkar sal-2012 meta ġiet fl-aħħarnett irtirata u l-ministri u s-segretarji parlamentari kellhom, skont ma ġie rappurtat, ireġġgħu l-ħlas lura.

---

3 https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2019/August/17/pr191754.aspx.

## Konsiderazzjonijiet

11. L-ewwel nett għandu jingħad li l-allegazzjoni li s-salarji tas-segretarji parlamentari rdoppja kif ġie implikat fl-artikolu tax-Shift News u kif ikkonkluda l-Onor Jason Azzopardi huwa assolutament bla bażi fil-fatt. Jidher li dawn ġew żvijati mill-fatt li l-Onor Schembri u Debattista ħadu l-kariga ta' segretarju parlamentari f'nofs l-2017[4] u għalhekk is-salarju tagħhom għal dik is-sena huwa bejn wieħed u ieħor nofs is-salarju għas-sena 2018.

12. Sussegwentement ix-Shift News irripetew l-allegazzjoni li kien hemm żiediet għalkemm l-argument li rdoppjaw is-salarji ma reġax tqajjem.

13. Nirrepeti a skans ta' ekwivoku li dan ir-rapport si tratta biss l-allegazzjoni magħmula dwar żieda bil-moħbi tas-salarji u d-dikjarazzjoni tal-Gvern ta' Malta fis-sens li ma kienx hemm żieda. Bl-ebda mod ma qed nikkummenta fuq il-veraċità tad-dikjarazzjonijiet taż-żewġ segretarji parlamentari. Għalhekk kellhomx introjtu ieħor jew le fis-sena 2017 li messu ġie ddikjarat fid-dikjarazzjoni tagħhom, huwa estranju għal dan ir-rapport.

14. Għalhekk dak li fil-fehma tiegħi għandu jiġi kkunsidrat huwa l-ewwel nett:

i. Kien hemm żieda fis-salarji tal-ministri u s-segretarji parlamentari?

15. Jekk kemm-il darba kien hemm żieda:

ii. Il-Gvern kellu l-obbligu li jinforma l-pubbliku?
iii. Kien hemm ħabi?
iv. Kien hemm qerq fl-istqarrijiet maħruġa mill-Gvern li għalih huwa responsabbli il-Prim Ministru?

16. Għandi ngħid li tingħatax jew le żieda fis-salarju ta' ministri u segretarji parlamentari u kemm għandha tkun, mhix materja li l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika jista' u għandu jissindika. Din hija responsabbiltà tal-Gvern, anzi tal-Parlament, meta jivvota l-estimi għas-sena finanzjarja li jmiss.

17. L-investigazzjoni tiegħi tittratta dwar il-korrettezza jew le tal-istqarrija tal-Gvern tal-17 ta' Awwissu 2019. Inqis din l-istqarrija sindakabbli minni għar-raġuni li l-Prim Ministru huwa risponsabbli għaliha, indipendentement kellux sehem fil-kitba

[4] L-Onor Silvio Schembri u l-Onor Deo Debattista ġew maħtura segretarji parlamentari fit-8 ta' Ġunju 2017.

tagħha jew le, u l-Prim Ministru huwa suġġett għall-Kodiċi bħal kwalunkwe ministru ieħor.

18. Is-salarji tal-impjegati fis-servizz pubbliku jiġu riveduti normalment permezz ta' ftehim kollettiv bejn il-Gvern u l-Unions li jirrappreżentaw l-impjegati. L-aħħar ftehim kollettiv huwa dak iffirmat fl-2017.

19. Dan il-ftehim ikollu l-effett li jolqot is-salarji ta' numru ta' kategoriji barra mill-amministrazzjoni pubblika li magħhom ikun marbut is-salarju tagħhom. Is-salarju tal-President ta' Malta, tal-Prim Ministru, tal-ministri (u s-segretarji parlamentari), tal-imħallfin u tal-Avukat Ġenerali u oħrajn, li jiġu approvati fl-estimi ta' kull sena, huma *pegged* jew abbinati mal-ogħla skala (Skala 1) tas-servizz pubbliku, li tinkludi s-Segretarju Permanenti Ewlieni u xi oħrajn.

20. Per eżempju, l-President ta' Malta jirċievi salarju ta' 170%, l-Prim Ministru 125%, l-Ispeaker 110%, ministri 110%, segretarji parlamentari 105%, l-Kap tal-Oppożizzjoni 100%, d-deputati *back-benchers* jirċievu 50%, l-Prim Imħallef 142.5%, imħallef 127%, u maġistrat 112% ta' Skala 1.

21. Il-persentaġġ applikabbli għall-membri tal-ġudikatura ġie miżjud bi qbil mal-Assoċjazzjoni tal-Imħallfin u l-Maġistrati permezz ta' ftehim tas-16 ta' Lulju 2018 li ġie mqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra fit-23 ta' Jannar 2019 (P.L. 2819).

22. Il-persentaġġi li jirrelataw is-salarji tal-Prim Ministru, il-ministri u s-segretarji parlamentari mal-Iskala 1 ilhom stabbiliti sa mill-inqas l-2003. Dan joħroġ minn memorandum tal-Kabinett li huwa anness ma' rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika li ħareġ fl-2011.[5]

23. Is-salarji tal-President ta' Malta, tal-membri tal-ġudikatura u tal-Avukat Ġenerali huma regolati bil-liġi u jiġu stabbiliti permezz ta' avviż legali *ad hoc*[6] wara li jiġi approvat il-budget. (L-avviż legali jgħid kemm hu kull salarju bħala somma ta' flus u mhux f'persentaġġ imqabbel mal-iskala 1.) Is-salarji tal-membri tal-eżekuttiv mhumiex regolati b'liġi speċifika u dawn jiġu approvati mill-Parlament bħala parti mill-vot ta' kull ministeru. Fil-fatt skont it-tradizzjoni ta' Westminster meta ministru

---

[5] Members of Parliament Honoraria: Report by the Auditor General (Novembru 2011). http://nao.gov.mt//loadfile/6c304c64-da3f-4868-9ec7-d55ae3f928bf.

[6] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8693&l=1. u http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8701&l=1.

jressaq l-estimi tal-ministeru tiegħu għall-vot fejn allura jkun hemm inkluż is-salarju tiegħu, l-Oppożizzjoni tressaq mozzjoni bħala sinjal ta' sfiduċja fil-ministru biex is-salarju tiegħu jonqos b'€1.

24. B'hekk kemm-il darba l-Gvern jipproponi żieda fis-salarji ta' xi waħda minn dawn il-kategoriji, mingħajr ma jkun irid imiss is-salarji taċ-ċivil kollu, għandu jżid il-persentaġġ imqabbel ma' Skala 1. Dan imbagħad jiġi approvat (jew le) mill-Parlament. Fil-fatt meta l-Gvern u l-ġudikatura waslu għal ftehim dwar żieda fis-salarji tal-ġudikatura ma ssemmewx ammonti iżda biss żieda ta' 27% fuq il-persentaġġi tas-salarji tagħhom meta mqabbla ma' Skala 1.

25. Madanakollu dan li għadni kif iddeskrivejt mhux għal kollox rilevanti għall-każ in eżami, għaliex l-allegazzjoni tax-Shift News tat x'tifhem li kien hemm żieda sostanzjali li tmur ferm oltre żiediet awtomatiċi tal-ftehim kollettiv inklużi żiediet għall-għoli tal-ħajja, li kellha impatt indirett fuq is-salarji tal-membri tal-eżekuttiv. In fatti l-allegazzjoni ħadet xejra aktar drammatika meta l-Onor Jason Azzopardi allega li s-salarju ta' segretarju parlamentari addirittura irdoppja.

26. L-istqarrija tal-Gvern tas-Sibt 17 ta' Awwissu 2019, fejn intqal li ma kienx hemm żieda, ma tantx għenet il-kontroversja, iżda din ġiet iċċarata immedjatament mis-Segretarju Permanenti Ewlieni li f'konferenza stampa li ta nhar it-Tnejn 19 ta' Awissu 2019 spjega li bħala fatt ma kienx hemm bdil fil-mekkaniżmu dwar kif jinħadmu s-salarji iżda bħala fatt kien hemm żieda fl-ammont li jirċievu s-Segretarji Parlamentari li gawdew miż-żieda li ħadu dawk kollha milquta (indirettament) mill-Ftehim Kollettiv iffirmat fl-2017. Dan isarraf f'żieda ta' circa €5,000 fis-sena għal kull membru tal-eżekuttiv. Spjega wkoll li membri tal-eżekuttiv igawdu minn *allowance* tat-tieni vettura kif kienu jgawdu ta' qabilhom.

27. Huwa emfasizza però li l-mekkaniżmu dwar kif is-salarji huma relatati bħala persentaġġ mal-ogħla skala tas-servizz pubbliku ma intmessx billi dan baqa' 105% tal-Skala 1 (fil-każ ta' segretarji parlamentari).

28. Jidher li dan hu li kellu f'moħħu l-awtur tal-istqarrija tas-17 ta' Awwissu 2019 meta qal li ma nbidel xejn, iżda poġġa l-kliem b'mod li mar oltre minn hekk u ta x'jifhem li l-ministri u s-segretarji parlamentari baqgħu jitħallsu l-istess somom ta' flus mill-2013 'l hawn. Il-fatt li s-Segretarju Permanenti Ewlieni ta spjegazzjoni dettaljata wara biss jumejn jindika li dan seta' sar b'nuqqas ta' ħsieb u mhux bi skop ta' qerq. Biss, ikun tajjeb li l-istqarrijiet uffiċjali jinkitbu b'aktar attenzjoni sabiex jirriflettu aħjar il-fatti.

29. Fil-konferenza stampa tiegħu is-Segretarju Permanenti Ewlieni żied jispjega li:

i. F'amministrazzjonijiet preċedenti l-ministri u s-segretarji parlamentari kienu jieħdu *duty allowance* ekwivalenti għal 20% tas-salarju. Mal-bidla fl-amministrazzjoni fl-2013 dan twaqqaf,[7] u minflok dawn bdew jieħdu *fixed allowance* ta' €5,823 li bħala fatt huwa inqas mid-*duty allowance* ta'20% tas-salarju li kienu jieħdu qabel l-2013.

ii. Inoltre, l-ministri u s-segretarji parlamentari baqgħu jieħdu *non-redeemable annual allowance* ta' €7,000 fil-każ li jagħżlu li jużaw il-karozza privata bħal *second car,* jiġifieri minflok karozza oħra imħallsa mill-Gvern li għaliha huma intitolati, liema sistema kienet intirtet minn amministrazzjoni preċedenti.

30. Is-Segretarju Permanenti Ewlieni ma tax aktar dettalji dwar l-oriġini tas-*second car allowance*. Madankollu jidher li din l-*allowance* ilha teżisti sa mill-inqas l-2003 u l-ammont ta' €7,000 ilu stabbilit mill-2008. Dan joħroġ mir-rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika li diġà ssemma qabel.

31. Filwaqt li bbenefikaw miż-żieda tal-ftehim kollettiv li sa ċertu punt hija żieda awtomatika bħaż-żiediet tal-għoli tal-ħajja, il-ministri u s-segretarji parlamentari qed jirċievu *duty allowance* li hija ferm inqas minn dik li kellhom il-predeċessuri tagħhom. Biex wieħed jara l-effett ta' dawn iż-żewġ kambjamenti f'daqqa wieħed jista' jikkompara s-salarji ta' ministru u segretarju parlamentari fl-2013 u l-2019. Li kieku l-arranġamenti ta' qabel Marzu 2013 baqgħu ma nbidlux, ministru kien jaqla' €53,093 matul is-sena kollha tal-2013 filwaqt li segretarju permanenti kien jaqla' €50,680. Is-salarji rispettivi għas-sena 2019 huma ta' €56,267 u €53,974 – żieda ta' madwar sitta fil-mija (6%) fiż-żewġ każi. Din iż-żieda ma tistax titqies sostanzjali meta wieħed iqis li kienet mifruxa fuq medda ta' sitt snin.

32. Dawn il-figuri ma joħdux in konsiderazzjoni is-*second car allowance*, li kif diġà intwera baqgħet l-istess mill-2008 'l hawn.

33. Kwantu għall-allegazzjoni li ma tħabbar xejn dwar din iż-żieda ta' min jgħid li probabbilment huwa minnu li ħadd ma għamel stqarrija fis-sens li b'riżultat tal-ftehim kollettiv ser jiżdiedu il-President ta' Malta, l-imħallfin u l-ministri eċċ, iżda l-

[7] Id-decizjoni tal-Kabinett tal-2013 dwar tnaqqis fid-duty allowance ta' ministri u segretarji parlamentari ma jidhirx li nghatat pubblicita' qabel l-istqarrija tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Ftehim Kollettiv tal-2017 ingħata ħafna pubbliċità kemm mill-Gvern[8] kif ukoll mill-Unions li iffirmawh u ġie rappurtat estensivament mill-media lokali.[9] Għalhekk min ried jifhem l-implikazzjonijiet altru li seta' jagħmel dan.

34. Għalhekk jiena tal-fehma li tali pubbliċità tissodisfa l-obbligi ta' trasparenza u onestà imposti fuq il-ministri kif rikjesti mill-kodiċi tal-etika.

35. Kwantu għall-ewwel dikjarazzjoni tal-Gvern, li setgħet tigi miżinterpretata li ma kienx hemm żieda, inqis li ġaladarba ġiet ikkjarifikata mill-ewwel bil-konferenza stampa tas-Segretarju Permanenti Ewlieni li ċċara kwalsiasi ambigwità, ġie sodisfatt l-obbligu ta' korrezzjoni skont l-Art 10.3 tal-Kodiċi u kwindi ċertament ma jistax jingħad li kien hemm qerq da parti tal-Prim Ministru.

## Konkluzjoni

36. Għalhekk fl-opinjoni tiegħi f'dan il-każ ma jirriżulta ebda nuqqas ta' osservanza tar-regoli u tal-prinċipji tal-etika.

37. Kopja ta' dan ir-rapport qed tingħata lill-Prof Arnold Cassola li għamel l-ilment, lill-Prim Ministru u lis-Segretarju Permanenti Ewlieni, kif ukoll lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-informazzjoni. Kopja ser titqiegħed ukoll fuq il-web-site tal-uffiċċju tiegħi.[10]

**Dr George-Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

---

8 https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2017/April/20/PR171006.aspx

9 https://publicservice.gov.mt/en/Pages/News/2017/20170420_FtehimKollettiv.aspx
https://timesofmalta.com/articles/view/30000-public-service-workers-to-get-increase-in-wages.645740
https://www.tvm.com.mt/en/news/pay-rises-for-30000-civil-service-employees-under-new-collective-agreement/
https://www.independent.com.mt/articles/2017-04-20/local-news/Public-service-workers-collective-agreement-to-cost-17m-in-2017-increases-to-20-5m-in-2024-6736173267
https://www.maltatoday.com.mt/news/national/76453/civil_service_gets_17_million_eightyear_collective_agreement#.XYiSZCgzaUk.

10 https://standardscommissioner.com/.

## Dokumenti mehmuża

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ilment tal-Prof Arnold Cassola konsistenti f'email tat-18 ta' Awissu 2019 li ġiet segwita bi tliet emails oħra bid-dati tad-19 ta' Awissu, 20 ta' Awissu u 28 ta' Awwissu |
| Dokument B | Stqarrija għall-istampa maħruġa mill-Gvern ta' Malta permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni fis-17 ta' Awwissu 2019 |

DOKUMENT A

## Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com> |
| **Sent:** | Sunday, 18 August 2019 14:38 |
| **To:** | Office |
| **Subject:** | Talba ghal trasparenza assoluta dwar is-salarji reali tas-Segretarji Parlamentari |
| **Attachments:** | aaa.jpg; aaa.jpg; aaa.jpg |

Ghaziz Kummissarju Hyzler,

In vista tat-tidwir bil-kliem li qed isir rigward is-salarji tas-Segretarji Parlamentari;
In vista tal-fatt li salarju ta' Segretarju Parlamentari fl-2013 kien ta' 42,000 ewro (ara anness);
in vista tal-fatt li s-Segretarji Parlamentari iddikjaraw bhala salarju 'l fuq minn 60,000 ewro fl-2018 (ara annessi);

Nitolbok tinvestiga kif is-somma telghet minn 42,000 ghal aktar minn 60,000;
kif ma thabbar xejn dwar din iz-zieda mill-gvern; ghal liema raguni kollox inzamm mistur mit-taxpayer u mic-cittadin Malti; x'inhi l-gustifikazzjoni dwar din iz-zieda sostanzjali fil-kuntest ta' cittadini normali li kull sena jiehdu medja ta' 3 ewro fil-gimgha zieda; jekk hemmx lok li jittiehdu passi kontra min awtorizza din iz-zieda u zammha mistura mill-poplu.

Inselli ghalik,

Arnold Cassola

Isem b'ittri kbar Silvio Parnis

Firma

Titolu Uffiċjali Segretarju Parlamentari

Data ta' Dikjarazzjoni 29/12/19

| DECLARATION BY MINISTERS AND PARLIAMENTARY SECRETARIES FOR YEAR ENDING 2018 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |
| Total income from Government payroll as Minister/Parliamentary Secretary | | | | | |
| | Gross Basic | Non-Tax Allowance | Total to indicate | | |
| Hon Silvio Parnis | 54,916.54 | 5,823.48 | 60,740.02 | | |

| Role | 2013 salaries |
|---|---|
| President | 56,310 |
| Prime Minister | 50,276 |
| Minister | 44,243 |
| Parliamentary Secretary | 42,232 |
| Speaker | 42,232 |
| Leader of the Opposition | 42,232 |
| Deputy Speaker | 25,137 |
| Whip | 30,165 |
| Committee Chairman | 26,143 |
| Member of Parliament | 20,110 |

15:35 • 77%

5ff21f2f313...

# Dikjarazzjoni tal-Assi - Ministru/Segretarju Parlamentari

(Fil-każ li ma jkunx hemm biżżejjed spazju, paġna oħra għandha tiġi mehmuża u mmarkata b'riferenza fuq din il-formola)

Silta mill-**Manwal ta' Proċeduri** meħmuż mal-**Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari**
(Fil-Kodiċi ta' Etika u l-Manwal, il-kelma "Ministru" meħuda li tinkludi wkoll Segretarju Parlamentari)

***Interessi Privati - Dikjarazzjoni tal-Assi***

*Fi żmien xahrejn mill-ħatra u mhux aktar tard mix-xahar ta' Marzu ta' kull sena, kull Ministru għandu jagħti lis-Segretarju tal-Kabinett dikjarazzjoni tal-assi li ġejjin: (a) il-proprjetà immobbli li hi proprjetà tal-Ministru jew li fuqha l-Ministru għandu xi forma ta' titlu; (b) ishma, bonds jew azzjonijiet f'investimenti oħra, li jista' jkollu f'kumpanniji kummerċjali jew partnerships, pubbliċi jew privati; (c) is-somma totali ta' flus li għandu depożitati f'bank u kull sorta ta' interess finanzjarju; (d) karigi ta' direttur u dawk oħra f'kumpanniji kummerċjali, assoċjazzjonijiet, bordijiet, soċjetajiet koperattivi pubbliċi u privati; (e) id-dħul tiegħu fis-sena ta' qabel; (f) is-somma totali ta' self li jista' jkun irċieva u li jkun għadha ma tħallsitx lura.*

*Din id-dikjarazzjoni għandha tirrifletti l-pożizzjoni tal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel u fil-każ ta' (a), (b) u (c) imsemmija hawn fuq, għandha tinkludi l-proprjetà tar-raġel jew mart il-Ministru jekk din tkun parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kif ukoll tat-tfal minuri tal-Ministru kemm-il darba għandu l-kustodja tagħhom.*

***(a) Proprjetà Immobbli***

½ indiviż #3 "Dar il-Wied", Triq ta' Tabija, Rabat
½ indiviż 38, Triq Santa Marija, Balzan

***(b) Ishma, Bonds, jew azzjonijiet f'investimenti oħra f'kumpanniji kummerċjali jew partnerships, pubbliċi jew privati***

/

***(c) Is-Somma totali ta' flus depożitati f'bank u kull sorta ta' interess finanzjarju ieħor***

€53,198.25 BOV SAVINGS ACCOUNTS

***(d) Karigi ta' Direttur u oħrajn***

President Onorarju Qrendi Football Club
minn 8 ta' Ġunju 2018

***(e) Dħul fl-2018***

€60,722.38 SEGRETARJU PARLAMENTARI

***(f) Is-Somma totali ta' self li tkun għadha ma tħallsitx lura fil-31 ta' Diċembru 2018***

€312,165.29 Loan
€784 Visa

Niddikjara li d-dettalji tal-interessi privati tiegħi msemmija hawn fuq huma korretti kif kienu fil-31 ta' Diċembru 2018.

*Isem b'ittri kbar* JULIA FARRUGIA PORTELLI *Firma* [signature]

*Titolu Uffiċjali* SEGRETARJU PARLAMENTARI *Data ta' Dikjarazzjoni* 19/02/2019

Dikjarazzjoni tal-Assi - Ministru/Segretarju Parlamenta[ri]

Silta mill-**Manwal ta' Proċeduri** meħmuż mal-**Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari**
(Fil-Kodiċi ta' Etika u l-Manwal, il-kelma "Ministru" meħuda li tinkludi wkoll Segretarju Parlamentari)

## Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com> |
| **Sent:** | Monday, 19 August 2019 21:19 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Re: Talba ghal trasparenza assoluta dwar is-salarji reali tas-Segretarji Parlamentari |

Sur Polidano.

Nixtieq inzid dan il-link tal-lum fejn hemm l-ispjega tal-gvern:

https://www.newsbook.com.mt/artikli/2019/08/19/ps-salaries-increased-due-to-adjustments-not-in-secret-pps/?lang=en

kif ukoll il-kumment tieghi fuq Facebook dwar kif il-Gvern qed jitmellah bina f'wiccna bl-uzu ta' lessiku differenti biex jiggustifika z-zieda fl-introjtu ta-Segretarji Parlamentari:

Parliamentary Secretaries: new meanings for the English language

Newsbook reports that "A combination of salary improvements including new civil service collective agreements, better cost of living allowance, and a redeemable €7,000 annual allowance, were the cause for Parliamentary Secretaries appearing to be getting higher wages, the government has announced".

Ah, so now the English word is no longer "increase" in salaries, but "improvement" in salaries + allowances.

So that explains it all: the parliamentary secretaries did not get in increase in salary..... they only got "improvements" + "better allowances" + "redeemable allowances" worth around 15000 euros a year.

Sur Gvern.....b'min tahseb li trid titmejjel?

Grazzi tal-attenzjoni.

Tislijiet,

Arnold Casola

On Mon, 19 Aug 2019 at 08:44, Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com> wrote:

> Profs Cassola
>
> Nixtieq ninfurmak li l-messaġġ tiegħek waslilna u ġie mgħoddi għall-attenzjoni tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.
>
> Charles Polidano
>
> Direttur Ġenerali

## Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com> |
| **Sent:** | Tuesday, 20 August 2019 23:16 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Re: Talba ghal trasparenza assoluta dwar is-salarji reali tas-Segretarji Parlamentari |

Ghaziz Sur Polidano,

Skuzani jekk qed niddisturbak mill-gdid.

Qieghed nibghtlek dan l-artiklu ta' Theshiftnews wara l-konferenza tal-ahbarijiet moghtija mis-sur Mario Cutajar, Kap tac-civil.

https://theshiftnews.com/2019/08/20/government-confirms-the-shifts-findings-on-cabinet-salaries-increase/

Tislijiet,

arnold Cassola

On Tue, 20 Aug 2019 at 08:03, Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life <charles.polidano@standardscommissioner.com> wrote:

> Profs Cassola
>
> Dan il-messaġġ ukoll se jiġi mgħoddi għall-attenzjoni tal-Kummissarju.
>
> Charles Polidano
>
> Direttur Ġenerali
>
> **Office of the Commissioner for Standards in Public Life**
>
> 11 St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
>
> +356 27 269 593     www.standardscommissioner.com

**Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life**

| | |
|---|---|
| **From:** | Arnold Cassola <arnoldcassola@gmail.com> |
| **Sent:** | Wednesday, 28 August 2019 20:17 |
| **To:** | Charles Polidano - Office of the Commissioner for Standards in Public Life |
| **Subject:** | Sur Polidano, Qieghed nibghatlek artiklu mit- Times, li jikxef mezz mhux trasparenti ta' kif ministri u Segretarji Parlamentari ziedu s-salarju taghhom bi 550/600.ewro fix-xahar fl-ahhar 6 snin. Ministers opting for government cash allowance instead of... |

https://timesofmalta.com/articles/view/cabinet-members-turning-cars-into-cash.731368.

Tislijiet,

Arnold Cassola

DOKUMENT B

PR191754

**17/08/2019**

# STQARRIJA MILL-GVERN TA' MALTA

Rapporti mxandra fuq mezzi tax-xandir, li kienu wkoll riprodotti minn membri tal-Oppożizzjoni, dwar allegazzjonijiet ta' żidiet fil-pagi tal-membri tal-Kabinett huma għal kollox foloz. Is-salarji tal-membri kollha tal-Kabinett għadhom eżatt l-istess kif kienu fl-2013.

Huwa pwerili kif ir-rapporti mxandra fuq aħbar falza li saru żidiet fil-pagi kienu bbażati fuq eżerċizzju li bih tqabblu l-pagi ta' nofs sena għas-sena 2017 ma' sena sħiħa fl-2018. Jidher li wara dan l-eżerċizzju, l-awtur tal-istorja ħareġ bil-konklużjoni żbaljata li s-salarju ta' segretarju parlamentari rdoppja.